MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 77/2020/2 LM

**Avukat Dr. Reuben Farrugia (K.I. 248072M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta;**
**Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali** *('l-Aġenzija appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali** [hawnhekk 'l-Aġenzija appellanta'] minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa ' quddiem 'it-Tribunal'], tas-7 ta' Lulju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrent **Avukat Dr. Reuben Farrugia (K.I. 248072M)**

[hawnhekk 'l-appellat Dr. Farrugia'], u ċaħad ir-risposti kemm tal-intimata **Awtorità għat-Trasport f'Malta** [minn issa 'l-Awtorità appellata'] u tal-Aġenzija intimata, u għaldaqstant iddikjara d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata tal-24 ta' Settembru, 2020 bħala waħda irritwali.

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa għandu fil-pussess tiegħu vettura tal-għamla Peugeot 508 bin-numru ta' reġistrazzjoni EQZ-320. Spjega li fl-24 ta' Settembru, 2020 għall-ħabta tal-11:00am hu pparkja l-vettura msemmija fi Triq l-Ifran, Valletta, fejn ma seta' jara ebda sinjal tat-traffiku jew marka tal-karreġġata li ġiet imqegħda, imwaqqfa, imwaħħla jew miżbugħa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, jew f'isem jew fuq direzzjoni tagħha f'xi triq jew ħdejn xi triq jew fil-karreġġata, b'konformità mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05. Ir-rikorrent qal li meta għall-ħabta tas-7:00pm fl-istess jum mar biex jiġbor il-vettura tiegħu mill-post fejn kienet ipparkjata, sab li ma kinitx għadha fil-post. Qal li dak il-ħin irrealizza li ma' *shutter* ta' ħanut u ma' koxxa ta' ħanut ieħor maġenbu, kien hemm żewġ karti mwaħħlin li jindikaw li fiż-żona ma jistax isir parkeġġ minħabba li kellu jsir xi xogħol f'sit partikolari, u li f'każ li xi vettura titħalla fil-post din tiġi irmunkata. Qal li hu mar l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, fejn ġie infurmat li l-vettura kienet tneħħiet mill-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali. Spjega li meta mar fl-uffiċċji tal-imsemmmija Aġenzija, hu sab li kellu jħallas multa ta' €200 sabiex il-vettura tiġi rilaxxata, għalkemm żied jgħid li hu ħallas il-multa *under protest.* Qal ukoll li meta rtira l-vettura sab Avviż ta' Kontravvenzjoni mwaħħal

mal-*windscreen* tiegħu. Ir-rikorrent qal li t-tneħħija tal-vettura in kwistjoni ma saritx b'konformità mal-liġi, u li għalhekk il-multa imposta fuqu ġiet imposta u pretiża mingħajr ebda jedd fil-liġi.

**<u>Mertu</u>**

3. Fit-talbiet tiegħu, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li t-tneħħija tal-vettura in kwistjoni mit-triq ma saritx b'konformità mal-liġi, li jirrevoka *contrario imperio* l-multa ta' €200 imposta u mħallsa minnu b'konsegwenza ta' tali tneħħija, u li jordna r-rifużjoni tas-somma ta' €200 imħallsa minnu fi żmien qasir u perentorju.

4. L-Aġenzija intimata fir-risposta tagħha wieġbet li hija mhijiex leġittima kontradittriċi, għaliex hija ma kinitx u mhijiex il-persuna jew entità li talbet il-ħruġ, li ħarġet jew waħħlet jew awtorizzat il-ħruġ jew it-twaħħil tat-tabelli in kwistjoni, li rrendew iż-żona f'waħda fejn il-parkeġġ ma kienx permess. Qalet li għalhekk it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex il-vettura in kwistjoni kienet ipparkjata f'żona delineata bħala *tow zone,* u t-tabelli relattivi kienu legalment u debitament imwaħħla. Qalet li hija qatt ma wettqet xi att li mhux konformi mal-liġi, u kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, hija kienet tkun qegħda tikser il-liġi li kieku ħalliet il-vettura in kwistjoni pparkjata illegalment u ma ħadet ebda azzjoni, u ladarba l-vettura kienet ipparkjata illegalment, it-tneħħija tagħha mit-triq u l-impożizzjoni tal-multa relattiva kienu ġustifikati u konformi mal-liġi.

5. L-intimata Awtorità għat-Trasport f'Malta fir-risposta tagħha qalet li hija ma tistax titqies li hija leġittima kontradittriċi għaliex il-permess in kwistjoni nħareġ mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Żiedet tgħid li skont id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrent, għandu jirriżulta li l-vettura in kwistjoni kienet ipparkjata *f'towing zone,* u għalhekk il-proċess tat-*towing* sar b'konformità mal-liġi. Qalet li l-vettura tneħħiet minn fuq il-post fis-13:32, f'ħin li ż-żona kienet għadha meqjusa bħala *towing zone,* u fi kwalunkwe każ għandu jkun ir-rikorrent li jipprova li l-vettura tiegħu kienet ipparkjata b'konformità mal-liġi.

6. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent qal li huwa għandu uffiċċju fi Strada Stretta, il-Belt, u fl-24 ta' Settembru, 2020 huwa pparkja l-vettura tiegħu f'post partikolari fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta. Qal li meta ħareġ mill-vettura ma ra l-ebda tabelli, *markings* mal-art u lanqas tabelli mwaħħlin. Ir-rikorrent qal li meta mar lura għall-vettura u sab li din ma kinitx għadha fl-istess post, mar l-Għassa tal-Pulizija, fejn ġie nfurmat li l-vettura kienet ġiet imneħħija għaliex iż-żona kienet meqjusa bħala *tow zone.* Qal ukoll li ġurnata qabel huwa kien ipparkja fl-istess post, u għalhekk anki fl-eventwalità li kien hemm tabelli mwaħħlin li jindikaw li fil-post ma setax isir parkeġġ, dawn żgur li ma kinux ilhom imwaħħlin fil-post għal tmienja u erbgħin siegħa. Qal ukoll li meta mar fuq il-post hu ra karta mwaħħla ma' vetrina ta' ħanut bil-*masking tape,* li kienet tindika li fiż-żona ma setax isir parkeġġ. Ir-rikorrent qal li l-vettura hija mikrija mingħand kumpannija partikolari, u dakinhar li din tneħħiet mit-triq, ħadd ma ċempel lil din il-kumpannija sabiex jinfurmahom li vettura tagħhom kienet ipparkjata f'post fejn ma kellux isir parkeġġ.

7. Xehdet ukoll l-Uffiċjal tal-Komunità 827 **Josianne Axisa**, li qalet li dakinhar li l-vettura tar-rikorrent ġiet imneħħija, kienu twaħħlu tabelli tat-*towing* ma' Casa Manduca, Triq l-Ifran, Valletta. Ix-xhud qalet li hija kienet rat ritratt li għaddielha l-persuna li waħħlet il-permess, ċertu Francis Lanfranco, li juri li t-tabella li fil-post ma jistax isir parkeġġ, kienet ilha mwaħħla tmienja u erbgħin siegħa.

8. **Tony Galea**, skrivan mal-Kunsill Lokali tal-Belt, xehed li l-permess biex fit-triq in kwistjoni ma jsirx parkeġġ fiha kien ntalab jumejn qabel, u l-Kunsill Lokali ħareġ żewġ permessi biex ma jsirx parkeġġ.

9. L-uffiċjal ta' Transport Malta **Michael Cohen**, fl-*affidavit* tiegħu xehed li madwar tliet snin qabel, Transport Malta kienet mistiedna tattendi għal laqgħa tas-Sindki, fejn tqajjmet il-kwistjoni dwar il-validità tal-avviżi tal-permessi li kienu qegħdin jinħarġu mill-Kunsilli Lokali. Qal li din il-kwistjoni nqalgħet għaliex il-Pulizija bdiet tirrifjuta li tassisti lill-Kunsilli Lokali meta jkun hemm karozzi pparkjati f'parkeġġi li jkunu ser jintużaw biex isir xogħol minn kuntrattur jew biex jingħata servizz. Qal li wara diskussjonijiet bejn Transport Malta, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u l-Kummissarju tal-Pulizija, ġie deċiż li l-Awtorità tipprovdi *template* ta' avviż bil-logo ta' Transport Malta li kellha timtela u tiġi ffirmata mill-Kunsill Lokali li huwa responsabbli mill-ħruġ tal-permessi. Qal li dan il-proċess sar sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn l-avviżi sa jumejn qabel ikun ser isir ix-xogħol. Ix-xhud spjega li Transport Malta tidħol biss fil-kwistjoni dwar kif għandu jsir l-avviż, u għalhekk tkun qegħda tawtorizza li dak il-parkeġġ jista' jintuża għal skop differenti skont kif jinħareġ fil-permess mill-Kunsill Lokali.

10. **Stephen Cassar**, li kien *regional enforcement officer* responsabbli mir-Reġjun Xlokk, xehed li dakinhar li daħal ir-rapport dwar il-vettura tar-rikorrent, kien intbagħat gwardjan fuq il-post, li vverifika li kien hemm permess għall-imsemmija triq, u vverifika mir-ritratti li l-permessi kienu ilhom imwaħħlin tmienja u erbgħin siegħa. Qal li wara li saru dawn il-verifiki, huwa awtorizza t-tneħħija tal-vettura mit-triq.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

11. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2022, it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrent, filwaqt li ċaħad ir-risposti tal-intimati, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Illi r-rikorrent ħassu aggravat wara li l-vettura li kien qiegħed jagħmel użu minnha ġiet irmonkata minn Triq il-Merkanti, Valletta.*
>
> *Illi l-fatti fil-qosor huma dawn:*
>
> ***Ir-rikorrent** jispjega li fl-24 ta' Settembru, 2020 huwa pparkja l-vettura tiegħu għall-ħabta tal-11:00am. Jispjega li huwa ma ra l-ebda tabelli jew marki mal-art jew tabelli mwaħħlin li ma setax jipparkja. Meta mar lura għall-vettura tiegħu għall-ħabta tas-7:00pm ma sabiex fejn kien ipparkjaha. Dak il-ħin inħasad u kif kien qiegħed idur ra tabella żgħira tat-*tow zone *imwaħħla. Jispjega li anke l-ġurnata ta' qabel kien ipparkja hemm kumbinazzjoni u ma kien hemm l-ebda tabella simili mwaħħla.*
>
> *Ir-rikorrent kompla jispjega li ħadd ma kien ċempillu biex forsi tal-inqas imur iċaqlaq il-vettura qabel ġiet ittowjata. Fil-fatt jgħid li meta kien mar l-Għassa biex jara x'ġara kkonferma li ma kinux ċemplulu. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-uffiċjal tal-LESA meta mar biex iħallas il-multa.*
>
> ***L-Uffiċjal tal-Komunità** li marret fuq il-post u tat l-ordni li l-vettura in kwistjoni tiġi ttowjata spjegat illi kien hemm il-permessi mwaħħlin. Mistoqsija mir-rikorrent jekk il-karta li kien hemm imwaħħla mal-vetrina ta' ħanut kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta'*

*"sinjal tat-traffiku" ix-xhud insistiet li kien hemm "il-permessi". Hija spjegat li l-permessi kienu ilhom imwaħħlin hemm tmienja u erbgħin siegħa u dan skont ma rriżultalha mir-ritratti meħuda fuq il-mobile ta' min applika għall-permess. Mistoqsija jekk ivverifikatx jekk it-tabella tat-*tow zone *li kienet tidher fir-ritratt muri lilha kinitx għadha fuq il-post, hija ma kinitx taf twieġeb. Mistoqsija jekk lill-Pulizija talbithomx jidentifikaw is-sid tal-vettura hija wieġbet li ma kinitx għamlet dan.*

***Michael Cohen**, in rappreżentanza tal-Awtorità intimata, spjega illi wara diskussjonijiet bejn l-Awtorità, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kummissarju tal-Pulizija kien ġie deċiż li l-Awtorità tipprovdi* template *ta' Avviż bil-logo tal-Awtorità sabiex tkun mimlija, ffirmata u ttimbrata mill-Kunsill Lokali meta ssirlu xi talba għal permess sabiex ma jipparkjawx vetturi f'xi sit partikolari biex isir xi xogħol.*

***Stephen Cassar**, ir-Regional Enforcement Officer responsabbli mir-Reġjun Xlokk, spjega illi bħala proċedura meta jidħol rapport simili, l-uffiċjal tal-komunità jikkonferma li hemm il-permessi u r-ritratti kif suppost, imbagħad jiġi ċċekkjat ta' min hi l-vettura biex jekk tkun ta' xi ħadd joqgħod viċin imorru jħabbtulu però f'dan il-każ ma kinitx ta' xi ħadd mill-Belt. Din l-informazzjoni tintbagħat lilu permezz ta'* whatsapp *fuq il-mobile tiegħu. Wara li rċieva din l-informazzjoni huwa kkonferma lill-uffiċjal tal-komunità li tista' tiġi rmonkata l-vettura.*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-ewwel u qabel kollox dan it-Tribunal se jibda mill-post fejn kienu mwaħħlin it-tabelli tat-*towing *fl-24 ta' Settembru, 2020 u dan kif jidher a fol. 108 u 109, u ċioe ritratti li jirriżulta li ttieħdu mill-uffiċjal tal-komunità li marret fuq il-post, u r-ritratt a fol. 110 li ġie muri minn min kien talab il-permess. Huwa ovvju li l-post li jidher fuq ir-ritratti a fol. 108 u 109 huwa differenti minn dak a fol. 110. Filwaqt li fir-ritratti a fol. 108 tidher tabella mwaħħla ma'* shutter *ta' stabbiliment, u a fol. 109 tidher tabella mwaħħla ma'* notice board *ta' ħanut (fn. 1 din in-*notice board *hija murija b'mod iktar ċar f'ritratt a fol. 16), ir-ritratt a fol. 110 juri tabella mwaħħla ma' koxxa ta' bieb.*

*Illi għaldaqstant, fil-fehma tat-Tribunal, it-tabella tan-*no parking *ma kinitx oriġinarjament imwaħħla ma' fejn sabet it-tabelli mwaħħlin l-uffiċjal tal-komunità. Dan jidher li kien fatt li ġie injorat mill-uffiċjal tal-komunità għaliex wara li ġiet murija r-ritratt mill-persuna li talbet għall-permess mill-Kunsill Lokali, nonostante li dan ma kienx jirrifletti l-istess post fejn kienu t-tabelli dak il-ħin li hija rathom, hija xorta ordnat li l-vettura tar-rikorrent tiġi rmunkata. Illi għalhekk dan huwa l-ewwel nuqqas li dan it-Tribunal jista' jirriskontra.*

*Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, nuqqas ieħor huwa l-fatt li l-uffiċjal tal-komunità ma ppruvatx tikkuntattja lil sid il-vettura. Kif xehed ir-rikorrent, u ma ġiex kontestat, il-vettura kienet* leased *mill-Kumpannija Michael Attard Limited. Illi ċertament dan it-Tribunal għandu għaliex jaħseb li kieku ċemplu lill-istess Kumpannija, il-probabbilità kienet tkun li huma kienu jikkuntattjaw lir-rikorrent u jinformawh b'din iċ-ċirkostanza. Il-fatt li ħadd ma pprova jċempel lil sid il-karozza ġie konfermat lir-rikorrent mill-uffiċjal tal-LESA meta mar biex iħallas il-multa sabiex tiġi rilaxxata l-vettura fejn l-istess uffiċjal qallu "m'għandniex għalfejn inċemplu. Int kont ipparkjat ħażin u ttowjajniha."*

*Illi, però iktar minn hekk, ir-rikorrent jikkontendi li l-irmonk tal-vettura in kwistjoni ma sarx in konformità mal-liġi,* inter alia, *il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 u 65.13. Huwa jikkontendi li l-Avviż ta' Rmonk li sab imwaħħal meta nduna li l-vettura ġiet irmunkata ma jikkonformax ruħhu mal-imsemmi Leġislazzjoni Sussidjarja.*

*Illi ai termini tar-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti) Dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru),* ***"żona ta' klampjar" u "żona ta' rmonk" ifissru kull post jew area li jiġu indikati f'avviż maħruġ mill-Kummissarju jew mill-Awtorità u permezz ta' sinjali u marki li jsiru skont id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, fejn l-ipparkjar projbit tal-vetturi jagħti lok li jitwaħħlu klampi ma' roti jew l-irmonk 'il barra ta' dawk il-vetturi minn dik iż-żona, skont il-każ.***

*Illi skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 (Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata)* ***"Is-sinjal li jindika TOW ZONE (Żona ta' Rmonk) f'Nru. (10) juri li oġġett ta' ingombru ikun ipparkjat jew imħolli f'żona fejn jista' jiġi irmunkat. L-għassa tal-Pulizija u n-numru tat-telephone ta' dik l-għassa, li jkunu jvarjaw, jindikaw skont il-każ il-proċeduri li jkunu jridu jiġu segwiti għat-teħid lura ta' dak l-oġġett."*** *Illi l-illustrazzjoni Numru 10 turi simbolu ta' vettura rmunkata,*

*Is-sinjal li għalih hemm referenza f'tabella Numru (10) li tinsab fit-Tieni Taqsima tal-Iskeda tal-imsemmija Leġislazzjoni huwa differenti minn dik li kien hemm imwaħħla fuq is-sit. Kif jirriżulta mir-raffigurazzjoni tal-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja, tali tabella jrid ikun fiha l-Għassa tal-Pulizija tal-Lokal fejn tkun imwaħħla t-tabella u wkoll in-numru tal-istess Għassa. Minn eżami tal-kopji tat-tabelli esebiti in atti ma jirriżultawx li dawn huma konformi ma' dak li hemm fir-Regolamenti. Għall-aħjar intendiment it-tabella li tinsab f'Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 qiegħda tiġi riprodotta hawn taħt:*

Fiż-żewġ każijiet, iż-żona dejjem tiġi indikata bħala żona fejn MA TISTAX TIEQAF.

(10)




(11)




*Illi di più, it-Tribunal josserva, illi, anke kieku għall-grazzja tal-argument, l-Avviżi ta' Rmonk li r-rikorrent sab fuq il-post in kwistjoni twaħħlu fil-post fejn sabhom ir-rikorrent, xorta waħda mir-ritratt muri lill-uffiċjal tal-komunità jirriżulta li r-ritratt ittieħed fit-22 ta' Settembru, 2020* ***fil-11.25am****, u kwindi inqas minn 48 siegħa minn meta kellhom jibdew ix-xogħlijiet, u dan kif stipulat anke fuq l-istess Avviż. Dan għaliex skont l-istess Avviż iż-żona kellha tkun "tow zone"* ***mis-7am sal-4pm*** *mentri r-ritratt muri lill-uffiċjal tal-komunità jirriżulta li ttieħed fit-22 ta' Settembru, 2020 fil-11.25am. Iktar minn hekk però, ma hemm l-ebda prova ta' meta l-Avviżi li sab imwaħħla r-rikorrent fis-7.00pm tal-24 ta' Settembru, 2020 ġew imwaħħla. L-uniku ritratt meħud kien dak fit-22 ta' Settembru, 2020 fil-11.25am, liema ritratt ċertament ma jurix it-tabelli li kien hemm fil-post meta aċċediet l-uffiċjal tal-komunità.*

*Illi t-Tribunal jaqbel ukoll mal-argument tar-rikorrent illi tali Avviżi ta' Rmonk m'għandhomx ikunu sempliċement karta mwaħħla ma' xi faċċata jew addirittura ma' xi vetrina jew* notice board *ta' ħanut, speċjalment jekk dawn ikunu ta' terzi u mhux ta' min talab il-permess. It-Tribunal jistaqsi* ***"X'kontroll jista' jkollu min talab il-permess li l-Avviż se jibqa' mwaħħal u/jew li*** **shutter** ***ta' ħanut, bħal fil-każ in kwistjoni, mhux se jitla' u b'hekk l-Avviż jisparixxi?"*** *Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal dawn l-Avviżi m'għandhomx jitwaħħlu minn min japplika iżda għandu jkun uffiċjal ta' xi entità governattiva li jwaħħalhom b'mod prominenti ma' xi ħaġa li ma hix il-faċċata ta' terzi. Ċertament il-permess li l-Kunsill Lokali joħroġ fuq karta ma jikkonformax ruħu ma' kif għandu jkun Avviż ta' Rmonk skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05.*

*Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent għandu raġun meta fit-trattazzjoni orali tiegħu saħaq illi l-liġi ma tagħtix jedd lill-privat li jamministra t-tabelli tat-toroq, liema ħaġa tiġri kull darba li Kunsill Lokali jagħti f'idejn il-privat Avviżi ta' Rmonk biex jitwaħħlu fejn ikunu se jsiru xi xogħlijiet jew fejn jeħtieġu jipparkjaw xi inġenji. Id-dritt*

*li jamministraw it-tabelli tat-toroq, inkluż "Avviż ta' Rmonk", huwa fdat biss f'idejn l-awtoritajiet pubbliċi u huma dawn l-istess awtoritajiet li jridu jkunu responsabbli għat-twaħħil tal-istess, anke jekk b'mod temporanju, u dan sabiex jiġi assigurat li l-utent tat-triq ikun infurmat kif suppost b'tali Avviżi.*

*Illi għaldaqstant dan it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni meħuda mill-uffiċjal tal-Aġenzija intimata dwar l-irmonk tal-vettura in kwistjoni kienet waħda żbaljata in kwantu kienet bażata fuq ritratt li pprovdilha terz, u li per di più ma kienx jirrafigura l-Avviżi li kien hemm fuq il-post fil-ħin tal-irmonk. It-Tribunal josserva li ma nġabu ebda provi li ż-żewġ Avviżi li kienu fil-post fil-ħin tal-irmonk kienu ġew imwaħħla tmienja u erbgħin siegħa qabel u kwindi l-uffiċjal tal-Aġenzija intimata għandha tirrispondi għall-azzjoni tar-rikorrent u mhux kif eċċepit minnha fl-ewwel eċċezzjoni li għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Illi fir-rigward tal-Awtorità intimata, dan it-Tribunal iqis li wkoll għandha ġġor ir-responsabbilità tad-deċiżjonijiet tagħha, u ċioe li rrilaxxat id-dmir li kien jinkombi fuqha* ex lege *f'idejn il-privat. Filwaqt li kif xehed l-uffiċjal tagħha Michael Cohen, kien intlaħaq ftehim bejn l-Awtorità, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kummissarju tal-Pulizija biex l-Awtorità tipprovdi* template *ta' Avviż ta' Rmonk lill-Kunsilli Lokali, ma kellha ebda dritt li tippermetti li tali Avviżi jiġu amministrati mill-privat.*

*Illi in vista ta' din id-deċiżjoni dan it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrent għandu jiġi rifuż il-penali mħallsa minnu sabiex ġiet rilaxxata l-vettura in kwistjoni.*

*Għaldaqstant it-Tribunal iqis li r-rikorrent għandu raġun fil-lanjanzi tiegħu.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti u jiċħad ir-risposti tal-Aġenzija intimata u tal-Awtorità intimata u għaldaqstant jiddikjara d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata tal-24 ta' Settembru, 2020 bħala waħda irritwali.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati* in solidum."

## L-Appell

12. L-Aġenzija appellanta appellat mis-sentenza tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell tas-27 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar

u tannulla s-sentenza appellata, u minflok tgħaddi biex tiċħad it-talbiet tal-appellat Dr Farrugia.

13. L-Aġenzija appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bis-sentenza appellata u resqet tliet aggravji. Fl-ewwel lok għamlet riferiment għal dik il-parti tas-sentenza appellata li tgħid li oriġinarjament it-tabelli ma kinux imwaħħlin fil-post fejn l-Uffiċjal tal-Komunità sabet it-tabelli. Qalet li din il-konsiderazzjoni m'għandhiex mis-sewwa, u għamlet riferiment għax-xhieda mogħtija minn Stephen Cassar, li ppreżenta għadd ta' ritratti li jindikaw il-pożizzjoni fejn kienu mwaħħlin it-tabelli tan-*no parking.* Qalet li l-uffiċjal tal-komunità ħadet prova li dawn it-tabelli twaħħlu fil-post in kwistjoni 48 siegħa qabel il-ħin li fih kellu jibda x-xogħol fi Triq l-Ifran, u li saret prova li dawn it-tabelli twaħħlu fil-21 ta' Settembru, 2020 fil-11.25am u mhux fit-22 ta' Settembru, 2020 fil-11:25am kif indika erronjament it-Tribunal. Qalet ukoll li ż-żewġ tabelli jidhru li huma mwaħħlin waħda man-*notice board* ta' ħanut, u oħra ma' faċċata biswit il-ħanut. Qalet li għalhekk hija ma tistax taqbel mal-konsiderazzjoni tat-Tribunal li mal-wasla tal-uffiċjal tal-komunità, it-tabelli ma kinux imwaħħlin fil-post fejn sabithom l-uffiċjal. Qalet li ladarba ġie ppruvat li t-tabelli kienu għadhom fl-istess post, u li dawn twaħħlu 48 siegħa qabel, l-uffiċjal tal-komunità kienet korretta meta ordnat it-tneħħija tal-vetturi miż-żona. Qalet ukoll li l-uffiċjal tal-komunità m'għandha l-ebda obbligu fil-liġi li tagħmel kuntatt ma' sid il-vettura, u dak li s-soltu jiġri huwa li qabel vettura tiġi rmunkata, fejn jirriżulta li sid il-vettura joqgħod viċin, l-uffiċjal tal-komunità jmur iħabbat fir-residenza ta' sid il-vettura sabiex jekk ikun possibbli, din titneħħa minn fejn tkun. Qalet li fil-każ

odjern irriżulta li sid il-vettura ma joqgħodx il-Belt Valletta, u għalhekk dan ma setax isir.

14. Fit-tieni aggravju tagħha l-Aġenzija appellanta qalet li t-Tribunal ikkonkluda li l-Avviż ta' Rmonk li kien hemm fuq il-post ma kienx konformi mal-liġi, u jgħid saħansitra li l-avviż huwa 'biċċa karta'. Qalet li għandu jirriżulta li t-tabelli u/jew l-avviż ta' rmonk li kien hemm fuq il-post jikkonformaw ma' dak li tipprovdi l-Iskeda 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, u l-Avviż jindika b'mod ċar li ż-żona hija meqjusa bħala *Tow Away Zone.* Qalet li fl-Avviż hemm indikazzjoni ċara wkoll tal-perijodu ta' żmien li fih iż-żona kellha tiġi meqjusa bħala *tow away zone,* għaliex fl-inħawi kien ser ikun hemm trakk. L-appellanta qalet li l-Avviż Legali 153/15 li permezz tiegħu ġiet imwaqqfa l-Aġenzija, jgħid li din għandha funzjoni twettaq l-infurzar ta' kwalunkwe liġi jew regolament, kemm dawk li jaqgħu taħt l-Att tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll dawk tar-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 u 65.13, u n-numru tal-Għassa tal-Pulizija ġie sostitwit b'dak tal-Aġenzija appellanta. Qalet li għalhekk it-Tribunal ma setax jgħid li l-Avviż ta' Rmonk in kwistjoni huwa nieqes mir-rekwiżiti mitluba mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, għaliex fih hemm indikazzjoni li dik il-parti tat-triq hija meqjusa bħala *tow away zone,* hemm indikazzjoni tad-data u l-ħin li fihom dik iż-żona ser titqies bħala żona ta' rmonk, u hemm ukoll in-numru tat-*telephone* fejn persuna għandha ċċempel f'każ li jkun hemm xi ħadd ipparkjat. Qalet li jirriżulta wkoll li l-Avviż ta' Rmonk ġie ffirmat ukoll minn rappreżentant tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

15. L-Aġenzija appellanta qalet ukoll li hija mhijiex leġittima kontradittriċi fir-rigward tal-ħruġ tal-permess, u li hija ma kinitx l-entità li ordnat il-ħruġ tal-

permess jew it-twaħħil tal-Avviż ta' Rmonk. Qalet li ladarba persuna jippreżenta permess validu maħruġ mill-Kunsill Lokali, u ladarba jiġi ppruvat li l-Avviż ta' Rmonk ikun sar 48 siegħa qabel, liema evidenza tiġi ppreżentata fil-forma ta' ritratt meħud mill-applikant, l-uffiċjal tal-komunità jordna li dik il-vettura tiġi rmunkata minn fuq il-post.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

16. Fir-risposta tiegħu għall-appell inppreżent mill-Aġenzija appellanta, l-appellat Dr Farrugia qal li l-Aġenzija appellanta naqset li tagħti l-'Fatti fil-Qosor', minkejja li dan huwa obbligu proċedurali stipulat mil-liġi *ad validitatem,* u għalhekk dan in-nuqqas għandu jirrendi l-appell tal-Aġenzija appellanta irritu u null. Qal ukoll li t-tliet aggravji sollevati mill-Aġenzija huma dwar apprezzament tal-provi, u kif stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana, din il-Qorti tat-tieni grad m'għandhiex tiddisturba faċilment l-apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-ewwel grad, jekk mhux verament għal motivi gravi. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-Aġenzija appellanta, l-appellat Dr Farrugia qal li jrid jingħad li l-karti li twaħħlu, u li suppost huma tabelli, twaħħlu minn individwu privat, u mhux minn xi uffiċjal ta' xi awtorità governattiva, u dan l-individwu privat waħħal dawk il-karti fil-post fejn għażel hu fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, u fid-data u l-ħin li deherlu hu. Qal li l-uffiċjal tal-komunità li ordnat l-irmonk straħet fuq ir-ritratt meħud mill-*mobile* tal-istess individwu privat, u skont hi din kienet prova li dawn il-permessi twaħħlu tal-inqas 48 siegħa qabel il-ħin meta ż-żona kellha ssir *tow zone.* L-appellat Dr Farrugia qal ukoll li t-Tribunal f'dan ir-rigward osserva li r-ritratt meħud mill-individwu privat juri li l-post fejn twaħħlet it-

tabella huwa post differenti minn fejn jidher li hija mwaħħla t-tabella fir-ritratti meħuda mill-uffiċjal tal-komunità, u filwaqt li fir-ritratt meħud mill-individwu privat it-tabella tidher li hija mwaħħla ma’ koxxa ta’ bieb, fir-ritratti meħuda mill-uffiċjal tal-komunità, it-tabella tidher mwaħħla mas-*shutter* ta’ ħanut u ma’ *notice board* ta’ ħanut rispettivament. Qal li l-Aġenzija appellanta qegħda tipprova tiżvijja lil din il-Qorti billi tevita li tindirizza dan il-fatt, u minflok tgħid li t-Tribunal kien skorrett meta stqarr li mal-wasla tal-uffiċjal, it-tabelli ma kinux imwaħħla fl-istess post fejn sabithom l-uffiċjal. Qal ukoll li t-Tribunal m’għamel l-ebda stqarrija bħal din, u fil-fatt it-Tribunal għamel konsiderazzjoni differenti minn dik li qegħda tallega l-appellanta. L-appellat Dr Farrugia qal li t-Tribunal irrimarka li t-tabelli fejn sabithom l-uffiċjal ma kienx l-istess post fejn jidher li twaħħlu mill-individwu privat. Żied jgħid li mingħajr preġudizzju għal dan, jibqa’ l-fatt li l-uffiċjal tal-komunità qieset li ritratt muri lilha fuq *mobile* ta’ individwu privat, meħud minn individwu privat, kien jikkostitwixxi prova suffiċjenti li tiġġustifika t-teħid ta’ proprjetà privata ta’ terzi, u dan billi vettura ġiet irmonkata u meħuda għall-ħażna taħt il-kontroll ta’ terzi. L-appellat Dr Farrugia qal li l-uffiċjal tal-komunità ma kellha l-ebda garanzija li t-tabelli verament kienu mwaħħlin fil-ħin u fid-data indikati, u li t-tabelli baqgħu mwaħħlin fil-post għal 48 siegħa.

17. L-appellat Dr Farrugia saħaq li l-proċedura mħaddma hija waħda dilettanteska, u waħda li ma tagħmilx dehen lill-awtoritajiet governattivi f’soċjetà demokratika. Qal li dan għandu jiżdied mal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, li tabella tal-irmonk m’għandhiex tkun biċċa karta mwaħħla ma’ *notice board* jew vetrina ta’ ħanut minn individwu privat, speċjalment meta din it-

tabella għandha sservi biex tinforma liċ-ċittadin li l-vjolazzjoni tagħha twassal għat-teħid forzat tal-vettura. Qal ukoll li dan kollu ġie skartat mill-Aġenzija appellanta. L-appellat Dr Farrugia qal li huwa evidenti li individwu privat qiegħed jingħata s-setgħa li jamministra s-Sinjali tat-Traffiku, u li abbażi t'hekk qiegħed isir it-teħid forzat ta' proprjetà privata.

18. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellat Dr Farrugia qal li huwa minnu li t-tabelli m'huma xejn għajr 'biċċa karta' stampata minn *printer* normali f'uffiċċju ta' Kunsill Lokali, u din il-biċċa karta m'għandhiex tikkwalifika bħala sinjal tat-traffiku, aktar u aktar meta l-konsegwenza tal-istess tabella huwa t-teħid forzat ta' proprjetà privata. Qal li minkejja li l-Aġenzija appellanta qegħda tilmenta li t-Tribunal ma kienx korrett meta kkonkluda li dawn il-karti ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, is-sinjal tat-traffiku f'tabella numru 10 (fit-Tieni Taqsima tal-Iskeda) huwa differenti minn dak indikat fuq it-tabelli maħruġa mill-Kunsilli Lokali, u għalhekk it-tabelli maħruġa mill-Kunsilli Lokali mhumiex konformi ma' dak li trid il-liġi.

19. L-appellat Dr Farrugia qal li t-tabella Numru 10 saret mil-leġislatur, u tifforma parti integrali mil-liġi, u għalhekk għandha tiġi osservata minn kulħadd, inkluż minn dawk l-awtoritajiet governattivi li għandhom il-mansjoni li jinfurzaw il-liġi. Qal li jekk l-Aġenzija ħasset il-bżonn li tibdel il-formalitajiet imsemmija fit-tabella numru 10, din kellha l-fakoltà li titlob li tiddaħħal emenda fil-liġi sabiex il-format ta' dak is-sinjal tat-traffiku jinbidel, imma mhuwiex aċċettabbli li l-format u l-informazzjoni rikjesti jinbidlu mingħajr ebda emenda fil-liġi.

20. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-Aġenzija appellanta, l-appellat Dr Farrugia qal li l-Aġenzija appellanta għandha s-setgħa li tinforza l-liġi, u hija għandha tkun ċerta li l-liġi qed tiġi osservata fl-intier tagħha qabel tipproċedi bit-teħid forzat tal-proprjetà ta' terzi. Kompla jgħid li l-Aġenzija appellanta pproċediet bit-teħid forzat abbażi ta' biċċa karta mwaħħla ma' *notice board* vetrina ta' ħanut, jew ma' *shutter* ta' ħanut, meta din il-karta twaħħlet minn individwu privat li ddetermina hu fejn u meta għandha tiġi mwaħħla din il-biċċa karta. Qal ukoll li din il-karta ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, u l-Aġenzija mexxiet bl-irmonk abbażi ta' ritratt meħud minn individwu privat bħala indikazzjoni ta' meta twaħħlet dik il-karta. Qal li għalhekk l-Aġenzija appellanta pproċediet bit-teħid tal-proprjetà tiegħu meta ċ-ċirkostanzi kollha jindikaw li din ma kinitx konformi mal-liġi, u għalhekk hija ma tistax tgħid li hija mhijiex leġittimu kontradittur meta t-teħid forzat sar minnha abbażi ta' ċirkostanzi li jmorru kontra l-liġi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tindirizza l-aggravji sollevati mill-Aġenzija appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellati. Imma qabel xejn il-Qorti tagħmel riferiment għall-eċċezzjoni sollevata mill-appellat Dr Farrugia, li jsostni li dan l-appell huwa null għaliex mhuwiex konformi mar-rekwiżit proċedurali li jinkludi elenku tal-fatti fil-qosor. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li m'hemm l-ebda rekwiżit proċedurali bħal dan li jirrendi r-rikors tal-appell null, u fit-tieni lok jirriżulta bl-aktar mod pależi li r-rikors tal-appell intavolat mill-

Aġenzija appellanta fih elenku, għalkemm mhux fil-qosor, tal-fatti tal-każ. Għaldaqstant il-Qorti mhijiex ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

*L-ewwel aggravju: [it-twaħħil tat-tabelli fil-post]*

22. L-Aġenzija appellanta qalet li t-Tribunal għamel għadd ta' konsiderazzjonijiet żbaljati meta qies li t-tabelli ma kinux oriġinarjament imwaħħlin fil-post fejn sabithom l-uffiċjal tal-komunità, u qalet li nġabet prova li t-tabelli twaħħlu tmienja u erbgħin siegħa qabel iż-żona saret żona ta' rmonk, u dan abbażi tar-ritratti esebiti.

23. Il-Qorti hawnhekk għandha diversi osservazzjonijiet x'tagħmel, partikolarment għaliex jirriżulta li l-Aġenzija appellanta ppruvat tiżvija lill-Qorti, fejn fir-rikors tal-appell tagħha qalet li r-ritratti esebiti mix-xhud Stephen Cassar ittieħdu fil-21 ta' Settembru, 2020, u mhux fit-22 ta' Settembru, 2020, u b'hekk poġġiet ukoll fid-dubju l-korrettezza tal-evalwazzjoni tal-provi li għamel it-Tribunal. Il-Qorti tagħmilha ċara li minkejja li bħala qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti bid-diskrezzjoni tagħha, ladarba tressaq l-aggravju li ma saritx ġustizzja mal-Aġenzija appellanta minħabba f'dan in-nuqqas tat-Tribunal, il-Qorti reġgħet eżaminat l-atti mill-ġdid. Mill-atti ma jirriżultax li ġie esebit xi ritratt li jindika li min waħħal il-permess għamel dan tmienja u erbgħin siegħa qabel ma ż-żona kellha ssir żona ta' rmonk, għaliex ir-ritratti li jinsabu esebiti fil-proċess juru bl-aktar mod ċar id-data tat-22 ta' Settembru, 2020. Ir-ritratti esebiti minn Stephen Cassar imbagħad, huma sfumati u ma juru l-ebda data, għalkemm il-Qorti m'għandha

l-ebda dubju li dawn ir-ritratti huma identiċi għal dawk li jinsabu aktar qabel fil-proċess. Dawn it-tentattivi fjakki biex il-Qorti tiġi żvijata b'dan il-mod huma deplorevoli għall-aħħar, aktar u aktar meta l-Aġenzija appellanta taf li fil-proċess hemm esebiti provi ċari li juru l-kontra ta' dak li hija qegħda tallega. F'dan ir-rigward Il-Qorti tirrileva wkoll li t-Tribunal irrimarka li kien hemm difett fil-proċedura adoperata mill-uffiċjal tal-komunità, għaliex kellu jirriżultalha li r-ritratt muri lilha mill-individwu privat li waħħal it-tabella, kien jindika b'mod ċar li t-tabella ma kinitx imwaħħla fil-post fejn hija sabet it-tabelli meta marret fuq il-post. It-Tribunal qal li filwaqt li l-uffiċjal tal-komunità sabet tabella ma' *shutter* ta' ħanut u ieħor biswit vetrina tal-istess ħanut, ir-ritratt muri lilha mill-individwu u li ġie ukoll esebit in atti, juri tabella mwaħħla mal-koxxa ta' bieb. Il-Qorti eżaminat dawn ir-ritratti, u stante li jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-Aġenzija appellanta qegħda tipprova tagħti l-interpretazzjoni tagħha għal dak li qal it-Tribunal, it-Tribunal għamel osservazzjoni korretta dwar din id-diskrepanza li rriżultatlu fil-provi. Kien abbażi ta' din id-diskrepanza wkoll li t-Tribunal qies li l-uffiċjal tal-komunità ma kellha l-ebda prova li t-tabelli twaħħlu fil-post tmienja u erbgħin siegħa qabel ingħalqet it-triq, għaliex ir-ritratti li ġew murija lilha fil-fatt juru tabella mwaħħla f'post differenti minn dak li sabet hi meta marret fuq il-post. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-Aġenzija appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[il-konformità tal-Avviż mal-liġi]*

24. L-Aġenzija appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex it-Tribunal kkonkluda li l-Avviż imwaħħal fuq il-post ma kienx konformi mal-liġi, u

f'partijiet mis-sentenza appellata saħansitra għamel riferiment għall-Avviż bħala 'biċċa karta'. L-appellanta qalet li t-tabelli u/jew l-avviż ta' rmonk li kien hemm fuq il-post kienu konformi ma' dak li tipprovdi l-Iskeda 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, għaliex huwa avviż li jindika li ż-żona fejn twaħħal hija żona ta' rmonk, u li fl-avviż minflok in-numru tal-Għassa tal-Pulizija hemm in-numru tal-*collisions unit/towed vehicles* fi ħdan l-istess Aġenzija, u għalhekk ma jistax jingħad li f'dan l-avviż kien hemm nieqes xi rekwiżit stabbilit fil-liġi.

25. Din il-Qorti tirrileva li t-Tribunal fil-fatt irrimarka dwar dawn id-differenzi bejn dak li tistabbilixxi t-tabella Numru 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja, u t-tabelli li twaħħlu fil-post minn fejn ġiet irmunkata l-vettura tal-appellat Dr Farrugia. It-Tribunal spjega wkoll li ma nġabet l-ebda prova li l-avviżi in kwistjoni twaħħlu fuq il-post tal-anqas tmienja u erbgħin siegħa qabel ma kellhom jibdew ix-xogħlijiet, jew li dawn l-avviżi twaħħlu fl-istess post fejn sabithom l-uffiċjal tal-komunità meta marret fuq il-post. Il-Qorti taqbel pjenament mal-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal meta qies li avviżi ta' rmonk, li bis-saħħa tagħhom proprjetà privata tista' titneħħa minn triq pubblika, m'għandhomx ikunu fuq biċċa karta stampata u mwaħħla fejn jiddeċiedi l-applikant għall-permess, anki jekk iż-żona ser tiġi reża żona ta' rmonk b'mod temporanju, kif fil-fatt ġara fil-każ odjern. Il-kwistjoni fil-każ odjern mhijiex jekk l-avviż li twaħħal kienx riproduzzjoni leali ta' dak li jistipula l-leġislatur fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, iżda jekk it-twaħħil ta' tabella stampata fuq 'biċċa karta', liema twaħħil isir fil-ħin u fil-post li jiddeċiedi l-applikant għall-permess, individwu privat, u mhux xi entità governattiva, huwiex il-mod kif il-pubbliku għandu jiġi avżat li ż-żona in kwistjoni ġiet reża żona ta' rmonk. It-Tribunal għamel diversi

konsiderazzjonijiet u elenka għadd ta' raġunijiet oħra għalfejn il-mod kif twaħħal l-avviż ma kienx wieħed li jirrispetta dak li tgħid il-liġi, u għalhekk anki jekk l-avviż kien fih uħud mid-dettalji li l-leġislatur inkluda fit-tabella Numru 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja, għandu jirriżulta li l-avviż, il-proċess tat-twaħħil tiegħu u l-mod kif ġie nnotifikat lill-pubbliku ma kienx jirrispetta r-rekwiżiti tal-liġi, u huwa għalhekk li t-Tribunal iddeċieda li fil-fatt l-appellat għandu jiġi rifuż l-ammont tal-multa mħallsa minnu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis illi anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[l-appellanta mhijiex leġittimu kontradittur]*

26. L-Aġenzija appellanta qalet li hija ħassitha aggravata bis-sentenza appellanta għaliex it-Tribunal ma qiesx li hija mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Spjegat li l-uffiċjal tal-komunità kienet korretta li tawtorizza l-irmonk tal-vettura ladarba rriżultalha li kien hemm permess validu maħruġ mill-Kunsill Lokali, u li dan il-permess twaħħal fil-post tmienja u erbgħin siegħa qabel iż-żona saret żona ta' rmonk.

27. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għall-osservazzjonijiet li hija diġà għamlet fir-rigward tal-aggravji l-oħra mressqa mill-Aġenzija appellanta, u tirrileva li ma jirriżultax mill-atti li l-avviż in kwistjoni twaħħal fuq il-post tmienja u erbgħin siegħa qabel ma ż-żona in kwistjoni saret żona ta' rmonk, u li l-avviż kien jirrispetta r-rekwiżiti kollha imposti bil-liġi. Fuq kollox jirriżultaw diversi nuqqasijiet fil-mod kif l-uffiċjali pubbliċi in kwistjoni straħu fuq prova pprovduta mill-applikant għall-permess, u kkonkludew li dan kien korrettement waħħal il-

permess tmienja u erbgħin siegħa qabel ingħalqet it-triq, u pproċedew biex jirmunkaw il-vettura ta' Dr Farrugia minn triq pubblika, bl-inkonvenjent kollu li ħolqulu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-Aġenzija appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-Aġenzija appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**